MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# IT-TMIN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 71

24 ta' April 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' online b'xi membri fis-Sala tal-Kunsill li jinsab fl-indirizz 13/15, Triq Sant'Anna, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Helen Caruana – Kunsillier
Victor Galea - Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Silvio Brincat – Kunsillier
Giorgio Mario Schembri – Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Maria Concetta Scerri – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.29pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti kien daħal onlajn jew ġie fuq il-post fil-ħin. Is-Sur Cordina offra t-talb għall-mara tal-eks Viċi-Sindku Marco Spiteri.

## 71.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

70.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha l-apoloġiji tas-Sur Remigio Bartolo u s-Sinjura Connie Scerri.

## 71.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

71.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa 70 ġew approvati.

## 71.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

71.3.1 Jum Ħ'Attard

Is-Sur Cordina qal li kienet serata sabiħa mmens u xtaq jirringrazzja lis-Sur Bartolo tal-ko-ordinazzjoni. Is-Sur Cordina qal li l-istess jista' jingħad għall-inawgurazzjoni ta' Ġnien l-Istazzjon fejn is-sodisfazzjon fuq wiċċ in-nies kien juri s-sodisfazzjon tagħhom. Qal li ma semax kumment wieħed negattiv. Kien hemm sodisfazzjon enormi fost in-nies u ta' dan qal grazzi lill-kulħadd talli dejjem żammew l-għaqda bejn il-membri.

71.3.2 *Uffiċċini Ġodda tal-Kunsill*

Is-Sur Cordina qal li tkompla x-xogħol fuq il-lift imma li s'issa ma mxewx iktar minn hekk.

## 71.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

71.4.1 John Bonnici

- Saqsa jekk jistgħux jiżdiedu l-bandli fi Ġnien l-Istazzjon. Is-Sur Cordina qal li minħabba regolamenti ta' safety li bejn apparat u ieħor irid ikun hemm distanza ma jistgħux isiru. Qal ukoll li l-istess talba saritlu għal Ġnien Ħal-Warda għax hu wkoll ħaseb li kien hemm ħela ta' spazju imma meta ikkubahielu skont ir-regolamenti kienu kollha kif suppost. Li propona li meta jkunu se jinbidlu isiru t'għamla differenti.

71.4.2 Giorgio Mario Schembri

- Qal l-istess ħaġa li ma kull min tkellem fuq dan il-proġett innota kemm niżel tajjeb ma kulħadd speċjalment ir-riproduzzjoni tal-ferrovija u Ċentru tal-Informazzjoni mibni fuq il-pedament oriġinali fejn il-post issa ġie amalgamat mal-istorja tal-istazzjon s. Qal ukoll li intlaqa' tajjeb ħafna l-ispazju tal-Librerija issa tinsab f'post totalment aċċessibli għan-nies bi bżonnijiet speċjali mhux bħalma kienet qabel għax il-post kien relattivament żgħir u ta' periklu biex jaqsmu tfal speċjalment. Kompla jgħid li kellu wkoll kliem ta' tifħir għax il-ġnien huma hu mgħammar b' post fejn it-tfal jistgħu jilagħbu ħ filwaqt li wieħed jista' jġib ktieb u jaqra bil-kumdità kollha. Finalment qal li dan il-proġett b'mod ħolistiku ġabar flimkien l-aspetti kollha li jixraqlu proġett għal din il-lokalità. Għalaq billi qal prosit kbira lil kulħadd.
- Saqsa jekk hux qed isiru komunikati sew fuq it-toroq l-oħra li qed isiru minn Infrastruttura Malta. Is-Sur Cordina qal li s'issa le. Hu rreferea partikolarment għan-naħa tal-PAMA fejn it-toroq ilhom maqlugħin xhur. Li dawn ix-xogħolijiet qed jaffettwaw it-traffiku ta' Ħ'Attard. Hu kompla jgħid li l-entitajiet kollha għandhom ikunu nfurmati għax li jkollok sistemi ta' traffiku tajbin jiswa' ta' benefiċċju kemm lill-kuntrattur kif ukoll lill-Infrastruttura Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jista' jsir hu li ssir talba li kif jitlesta x-xogħol tal-iskavar jingħata *layer* tarmak. Il-Perit Schembri qal li mhux dak hu l-punt imma li jsiru pjanijiet ħollistiċi li ma jdewmux ix-xogħolijiet xhur. Hi qalet li bil-pjanijiet ħollistiċi xorta ma jaslux għax mal-ewwel intopp, diżgwid xorta jitħarbat kollox u jdumu xhur għaddejjin biex ilestu. Il-Perit Schembri qal li jekk ħa jinbiddlu partijiet jinbidlu imma l-impatt ikun minimu. Is-Sur Cordina qal li l-Kunsill għandu jitlob x'se jsir biex jitnaqqas l-inkonvenjent u li trid titranġa c-centre strip. L-Avukat Brincat fakkar fuq il-mozzjoni li kien ressaq il-Perit Schembri li kienet preċiżament dak li qed jitkellem fuqu issa. Għallinqas ikkonkluda jibdew banda u jispiċċawha mhux kollox f'daqqa.

71.4.3 Silvio Brincat

- Ġnien l-Istazzjon – feraħ ukoll għat-twettiq ta' dan il-proġett u l-ftuħ mill-ġdid ta' dan il-ġnien u persważ li ħafna nies ħa jagħmlu użu minnu minħabba l-istorja marbuta miegħu filwaqt li jistgħu anki jiksbu informazzjoni mill-librerija pubblika. Fl-istess ħin it-tfal apparti li ħa jinġibdu lejn l-istorja, ħa jservi u jagħti opportunità biex jinġibdu wkoll lejn il-qari. Kien kuntent ukoll ħafna li l-kunsill wasal biex itemm dan il-proġett.
- Fuq nota negattiva xtaq jiġbed l-attenzjoni li Arnold Cassola kiteb li ġardina John Borg Botanista qiegħda fi stat mhux tajjeb. Hu qal li kieku jista' jsir xi naqra up grading u forsi tingħata aktar informazzjoni fuq dan il-botanista, forsi min kien Ġanni Borg u hekk ikunu qed jagħmlu xi ħaġa pożittiva. Is-sur Cordina irringrazzja li l-Avukat Brincat pero xtaq ukoll jghaddi kumment żgħir fuq din il-ġardina partikolari. Hu qal li l-kumment tas-Sur Arnold Cassola rah imma jkollu jgħid li l-Professur Cassola huwa persuna intelliġenti imma ħlief affarijiet negattivi ma jiktibx fuqhom u fejn bniedem jirribatti u jurih li hu żbaljat m' għandux il-kapaċità li jikteb lura u jgħid li huwa żbaljat. Hu xtaq jagħti wkoll l-informazzjoni li din il-ġardina m'għadhiex iżjed proprjetà tal-gvern imma reġgħet ġiet

f'idejn il-privat. L-avukat brincat qal li allura għandha tinġibed l-attenzjoni li din il-ġardina m'għadhiex iżjed f'idejn il-kunsill imma li l-kunsill qed jagħmel l-almu tiegħu kollu biex jżommha fi stat u kundizzjoni tajba. Is-Sur Cordina qal ukoll li jekk fil-każ din terġa' lura għand il-privat dan l-isem għandu jingħata lill-ġardina oħra. L-Avukat Brincat qabel u qal li dan huwa tajjeb għaliex hekk qed tkun qed tinżamm il-memorja ta' dan il-botanista u kulħadd ikun jista' jitgħallem mill-istudji li għamel dan il-botanista.

Alex Mangion

71.4.4

- Qal li ma xtaqx jirrepeti għax appuntu fuq l-organizzazzjoni tas-serata ta' ġnien l-istazzjon kkummentawlu ukoll pożittivament fuq l-attenzjoni għad-dettall. Irrimarka wkoll fuq il-kumment il-Professur Cassola u ġibed l-attenzjoni li kull min jikkummenta għandu l-ewwel jivverifika l-informazzjoni. Is-Sur Cordina qal li fil-fatt ikkummenta kif ikkummenta issa għax din diġà għamilha darb'oħra fejn kienu nqalgħu xi jukki u l-Professur Cassola għoġbu jikkummenta negattivament meta dawn il-pjanti huma invażivi. Huwa kompla jgħid li meta nżergħu xi siġar kkummenta imma li ma kellux id-deċenza jew l-umiltà li jikkummenta f'dan ir-rigward għalhekk l-umiltà hija sabiħa. Is-sur mangion qal li appuntu dak huwa kumment li xtaq jgħaddi li ġejja l-elezzjoni u issa kulħadd donnu qiegħed jispara fl-arja.
- Se staqsa wkoll fuq triq victor vassallo. Is-Sur Cordina qal li kien hemm mandat u kellu jitwaqqaf ix-xogħol, saret seduta u hemm oħra il-Ġimgħa għall-kontro risposta. Hu qal li l-iskopijiet tal-mandati huwa appuntu sabiex jitranġaw l-affarijiet li fl-opinjoni tiegħu jistgħu jkunu ta' detriment imma li jkollok residenti li bil-viltà kollha, wara li l-Kunsill għinhom, idaħħlu f'dan il-mandat il-Kunsill, kif ukoll il-kuntrattur li jkun għamel biss dak li qalulu apparti Transport Malta, l-Infrastructure Malta hija viltà kbira li hu tefalhom ma wiċċhom. Issa tranġaw xi pjanti u nhar il-Ġimgħa ħa terġa' tinstema.

Victor Galea

71.4.5

- Talab li ssir viżita ta' kortesija lill-President il-ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li komunikat mal-Uffiċċju tal-President sar diġa' u li peress li sarulha xi talbiet ma xtaqietx tiltaqa' qabel l-Elezzjonijiet tal-Kunsilli imma li lesta tiltaqa' ma kulħadd wara.

## Rapporti

## 71.5 Approvazzjoni ta' Rapport Finanzjarju Awditjat

71.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li r-Rapport Finanzjarju ġie awditjat u ħarġu l-punti tal-Management Letter li se titressaq fl-aħħar laqgħa. Hi qalet li dan ir-rapport jekk is-sena l-oħra kien disa' paġni issa qiegħed erbgħa. Hi qalet li l-punti li ħarġu waqt l-Awiditjar li waslu għal żieda fit-telf minn €67, 312 għal €72,168 kienu dawn:

i. Spejjeż addizzjonali fi Ġnien l-Istazzjon li żiedu nnefqa u depprezzament b'EUR1,929;
ii. Spiża mhux miżjuda mal-Accruals ta'€988; u
iii. Dħul imdaħħal fl-accounts dartejn li żied it-telf b'€1,936.

Is-Sur Alex Mangion irringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv għax-xogħol li sar matul dawn l-aħħar fejn qal li  xejn ma kien faċli għaliha biex tgħaqqad il-finanzi bil-prezzijiet dejjem jogħlew u d-dħul hu kif inhu.  Hi irringrazzjat lil kulħadd u qalet li dan ix-xogħol isir permezz ta' team u li jkollok Sindku bħalha spalla li jappoġġjak u jgħinek u team tajjeb jgħin ħafna.  Hi tenniet li qed tieħu l-kumment mhux għaliha personali imma għan-nom ta' kulħadd.

Dan ir-rapport ġie approvat u ffirmat flimkien mal-ittra ta' rappreżentazzjoni tal-Awdituri.

## 71.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

71.6.1 Ma kienx hemm items oħra.

## 71.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

71.7.1 Proponent: Alex Mangion  Sekondant: Victor Galea

L-iskeda ġiet approvata.

## 71.8 Mozzjonijiet; u

71.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 71.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

71.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.17pm u ġiet aġġornata għad-29 ta' Mejju 2024 fis-5.30pm

Konfermati illum, 29  ta' Mejju 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |